MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Numru. 588/2007

**Il-Pulzija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**-vs-**

**Anthony Gialanze**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Gialanze ta’ 22 sena imwieled il-Birgu fl-1 ta’ Awissu 1985, iben Paul u Emily nee` Grima u residenti f’ ‘Empaul’, Triq il-Kottonera, Birgu, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 398485M.

Akkuzat talli f' dawn il-gzejjer, nhar il-15 ta' Lulju, 2007, fil-Mosta, f' xi hin bejn nofs il-lejl u l-erbgha ta' filghodu ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gareth David Lyons skond ma ccertifika Dr. Malcom Caruana M.D. Reg. No. 2869 (Ch 9 Section 216).

U aktar talli fl-istess jum hin lok u cirkostanzi involontajament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal-aktar minn hamsin lira u anqas minn elf lira ghad-dannu ta' terzi persuni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kelllux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 216, u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li fil-hin ta' l-incident in kwistjoni l-imputat kien qed isuq il-vettura ta' tip Toyota Corolla b'numru ta' registrazzjoni CAI 718 fi Triq il-Missjunarji Maltin Mosta mid-direzzjoni tar-Rabat ghall-San Pawl il-Bahar. Fil-vettura mieghu kien hemm zewg passigiera: Gareth David Lyons u Kyra Mifsud.

Illi l-imputat jghid li hu kien ghaddej bi speed ta' xi hamsin kilometru fis-siegha, meta giet karroza mid-direzzjoni opposta li kellha d-dwal mixghula fuq il-*bright,* ghamietu, laqghat il-bankina b'hekk tilef il-kontroll tal-vettura.

Illi fir-realta l-vettura mhux biss laqtghet il-bankina imma telghet fuq il-bankina laqtghet l-arblu tad-dawl (li incidentalment qieghed fil-parti retroposta tal-bankina u mhux mat-tarf), habtet mal-hajt u baqghet sejra f' nofs tat-

triq xi ghaxar metri ‘l boghod minn fejn intlaqat l-arblu u anke daret biex spiccat thares kwazi fid-direzzjoni li minnha kienet gejja.

Illi bhala rizultat ta’l-impatt Lyons soffra griehi ta’ natura gravi u cioe sfregju f’mohhu, fil-waqt li Mifsud soffriet griehi ta’ natura hafifa; it-tnejn li huma hafru lill-imputat u ma xtaqux li jittiehdu passi. Minhabba li l-griehi li sofra Lyons kienu ta’ natura gravi l-prosekuzzjoni titmexxa *ex officio* u ma tiddependiex fuq l-kwerela o meno tal-parte leza.

Illi bhala rizultat ta’l-impatt l-arblu garrab xi hsarat li jammontaw ghal xi tmenin lira Maltija (Lm80.00) ekwivalenti ghal mija sitta u tmenin Euro u hamsa u tletin Euro centezmi (Euro 186.35).

Illi z-zewg passiggiera li kien hemm fil-vettura ta’l-imputat tressqu bhala xhieda u dawn bejn wiehed u iehor ikkoroboraw  dak allegat mill-imputat.

Illi l-imputazzjonijiet adebieti lill-imputat huma tnejn u cioe dik ta’ offieza gravi volontarja fuq il-persuna ta’ Gareth David Lyons (dan huwa rifless mhux biss mid-dicitura ta’l-imputazzjoni imma anke mill-artikolu tal-Ligi kwotat u cioe l-artikolu 216 tal-Kap 9) u ta’ hsara involontarja.

Illi minn ezami ta’l-atti jirrizulta li ma gietx pruvata l-imputazzjoni ta’ offieza volontarja pero giet pruvata dik minuri ta’ offieza gravi involontarja, kif giet pruvata wkoll l-imputazzjoni ta’ hsara nvolontarja u dan peress li fil-fehma tal-Qorti l-incident sehh minhabba traskuragni u nuqqas ta’ haris tar-regoli da parti ta’l-imputat.

Illi anke jekk l-Qorti taccetta dak allegat mill-imputat li kienet gejja vettura mid-direzzjoni opposta bil-*brights* mixghulin zgur li kieku verament l-imputat kien qed isuq bil-hamsin kilometru fis-siegha (ekwivalenti ghal cirka

tletin mil fis-siegha) l-konsegwenzi ma kellhomx ikunu dawk li fattwalment sehhew.

Illi huwa ormai principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li n-negligenza kontributorja ta’ terzi ma jezonerawx lill-imputat mir-responsabbilta tieghu li jsuq b’maniera kawta u prudenti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 226(1)(b) u 328(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna offieza gravi fuq il-persuna ta’ David Gareth Lyons u b’l-istess mod ikkaguna hsara ghad-dannu ta’l-Awtorita tat-Trasport Pubbliku w tikkundannah ghall-multa ta’ hames mitt Euro (Euro 500) u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 30 ta’l-istess Kap 9 qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tletin (30) gurnata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------